# ĠRAJJIET TA' IDENTITÀ SESSWALI U TAL-ĠENERU RAKKONTATI F'WIRJA TA' HERITAGE MALTA FL-OKKAŻJONI TAL-EUROPRIDE

**Stqarrija l 7 ta' Settembru 2023**

Heritage Malta nediet il-wirja *[Be]Loved Malta: Stories of Sexual and Gender Identity* fil-Belt Valletta, fl-okkażjoni tal-ewwel EuroPride li qatt sar f'Malta u l-50 anniversarju minn meta atti omosesswali ġew dikriminalizzati f'Malta.

Il-wirja tirrakkonta l-ġrajjiet u t-taħbit ta' personaġġi storiċi kif ukoll il-kisbiet riċenti tal-komunità lokali LGBTIQA+, fuq medda ta' żmien mill-preistorja sal-lum. Il-messaġġi ewlenin li l-wirja tixtieq twassal huma li d-diversità għandha tiġi mħaddna fil-forom kollha tagħha u li l-komunità queer mhix xi invenzjoni moderna iżda tipi differenti ta' espressjoni sesswali u identità tal-ġeneru ilhom jeżistu mill-bidu tal-istorja tal-bniedem.

*[Be]Loved Malta* toffri esperjenza immersiva u awdjoviżiva, aktar milli waħda msejsa fuq artefatti, billi s-sesswalità hija intanġibbli. Fil-qalba tal-wirja hemm għaxar ġrajjiet rakkontati b'mod awdjoviżiv, li kull waħda minnhom tiffoka fuq protagonist ċentrali.

Madankollu, għadd ta' artefatti sinjifikanti għandhom posthom f'din il-wirja, fosthom statwetta ermafrodita tas-seklu 19 akkwistata dan l-aħħar minn Heritage Malta; figorin li juri 'koppja titgħannaq' u li kien instab fil-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien; u r-rapport mediku dwar Rosaria Mifsud, li l-każ tagħha, li jmur lura għall-1774, hu l-eqdem każ ta' intersex f'Malta magħruf s'issa. Insibu wkoll żewġ ilbiesi li kienu ta' Katya Saunders, waħda mill-aktar nisa trans prominenti mis-snin 70 tas-seklu 20 sal-ewwel snin tas-seklu 21, li ħalliet impatt qawwi fuq il-komunità queer f'Malta.

Dawk li jżuru l-wirja jistgħu jsegwu dokumentarju qasir dwar il-bandiera ta' Gilbert Baker. Parti mill-bandiera twila mil, li nħolqot minn Gilbert Baker fl-1994 biex jitfakkar l-irvell ta' Stonewall, inġiebet Malta u ġiet mislufa lil Heritage Malta mill-Assoċjazzjoni tal-Organizzaturi tal-European Pride bl-għajnuna tal-Allied Rainbow Communities Malta, biex wieħed jista' jaraha fil-wirja.

Lejn tmiem il-wirja, il-viżitatur isib diversi installazzjonijiet b'siltiet minn intervisti ma' persuni mill-komunità LGBTIQA+ fejn jikkummentaw dwar l-iżviluppi legali f'Malta u jekk il-leġiżlazzjoni kurrenti tirriflettix l-attitudni reali tas-soċjetà lejn din il-komunità.

Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, irrimarka li wara kull mafkar, artefatt, avveniment jew ċelebrazzjoni hemm storja li għandha tiġi rrakkontata. Dawn il-ġrajjiet flimkien jifformaw l-identità nazzjonali tagħna, l-istorja tagħna. L-istejjer

individwali tal-għaxar persuni li dwarhom saret riċerka estensiva għal din il-wirja huma wkoll parti minna. Heritage Malta qed tkompli twettaq il-missjoni tagħha billi tiżgura li dawn l-istejjer ikunu ppreservati għal dawk li ġejjin warajna u jkunu aċċessibli biex kulħadd jesperjenzahom u jgawdihom.

*[Be]Loved Malta: Stories of Sexual and Gender Identity* tibqa' għaddejja sal-11 ta' Novembru fil-Main Guard, il-Belt Valletta. Il-ħinijiet tal-ftuħ huma mill-10:00 sas-18:00. Il-biljetti jinxtraw mill-bieb jew online minn https://heritagemalta.mt/whats-on/. Il-biljetti jiswew €5 għall-adulti u €3 għall-istudenti, l-anzjani u dawk li għandhom il-passaport ta' Heritage Malta. Il-membri ta' Heritage Malta jidħlu b'xejn.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta